MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 633/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Saviour u Mary Carmen mizzewgin Johnson**
**ID 340257 (M) u 119058 (M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta' Bank of Valletta plc tal-11 ta' Gunju 2007 illi permezz tieghu is-socjeta' rikorrenti talbet lill-Qorti tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 12 ta' April 2000 in atti Nutar Dr Rachelle Farrugia fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Saviour u Mary Carmen mizzewgin Johnson sabiex tottjeni il-pagament ta' hdax il-elf sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM11, 642.89), ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf mija

u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€27,120.64), flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-25 ta’ Mejju 2007 bl-ispejjez kontra l-istess intimati;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat ir-risposta ta’ Saviour u Mary Carmen mizzewgin Johnson tal-14 ta’ Jannar 2008 li permezz taghha issottomettew illi is-somma rikjesta mill-bank rikorrenti mhijiex minnhom dovuta u dana peress illi fit-23 ta’ Novembru 2006 bieghu l-unika assi li kellhom ossia id-dar matrimonjali taghhom versu il-prezz ta’ hamsa u hamsin elf lira Maltin (LM55,000); liema prezz gie versat in toto lill-bank rikorrent u esebew ir-ricevuta relattiva. Huma issottomettew illi huma certi illi l-fatt illi l-bilanc kif rikjest mill-bank ma jista ikun dovut in intier peress illi jinkludu kemm imghax zejjed, kif ukoll imghax fuq imghax, haga li ma hijiex legalment possibbli;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti u rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Jane Mifsud, relationship manager tal-Bank of Valletta illi ghamlet zmien tieghu hsieb il-kont tal-intimati. Hija xehdet illi l-intimati kienu ghamlu acknowledgement of debt f’April tas-sena 2000 u minn dakinhar saru xi pagamenti. Kienet ukoll inbieghet proprjeta u l-bank kien dahhal l-ammont ta’ hamsa u hamsin elf lira Maltin (LM55,000) u kien fadallu jiehu xi bilanc. Jane Mifsud xehdet illi l-intimati qatt ma talbuha sabiex taghtihom statement. Wara li irceva is-somma ta’ hamsa u hamsin elf lira Maltin (LM55,000) il-bank kien hareg waiver, izda mhux kancellament peress illi ma kienx thallas id-debitu kollu mill-intimat, izda kienet thallset parti biss mid-debitu.

Ikkunsidrat :

Illi l-intimati ma ressqux provi, izda ipprezentaw biss nota ta’ ossevazzjonijiet.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' rikorrenti wkollipprezentat nota ta' sottomissjonijiet.

Illi r-rikors gie differit ghallum ghal digriet.

Ikkunsidrat :

Illi l-bank rikorrenti kien silef lill-intimati is-somma ta' tmienja u erbghin elf u sitta u sebghin lira Maltin (LM48,076) f'loan u is-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000) bhala overdraft. Kien sar kostituzzjoni ta' debitu f' April tas-sena 2000 ghas-somma ta' disgha u erbghin elf u seba liri Maltin (LM49,007) u fit-23 ta' Novembru 2008 kienet thallset is-somma ta' hamsa u hamsin elf lira Maltin (LM55,000), ekwivalenti ghas-somma ta' mija tmienja u ghoxrin elf mija u hmistax il-ewro u tlieta u hamsin centezmu (€128,115.53) mill-intimati lill-bank rikorrenti wara li l-intimati kienu gew interpellati biex ihallsu is-somma ta' erbgha u hamsin elf disa mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (LM54,996.95).

Ikkunsidrat :

Illi a fol 33 tal-process jirrizulta illi l-bilanc dovut mill-intimati lill-bank rikorrenti huwa dak ta' hdax il-elf erbgha mija sitta u ghoxrin lira Maltin u dsatax il-centezmu (LM11,426.19), ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf sitt mija u hmistax il-ewro u sitta u tmenin centezmu (€26,615.86) u mhux is-somma mitluba fir-rikors tal-bank rikorrenti, u ghalhekk jirrizulta illi l-intimati huma debituri tal-bank rikorrenti fis-somma ta' hdax il-elf erbgha mija sitta u ghoxrin lira Maltin u dsatax il-centezmu (LM11,426.19), ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf sitt mija u hmistax il-ewro u sitta u tmenin centezmu (€26,615.86), oltre l-imghaxijiet mill-25 ta' Novembru 2006 bit-tmienja fil-mija.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi huwa permess illi il-Bank izomm imghax fuq imghax fejn si tratta ta’ overdraft account, izda mhux meta xi tratta ta’ loan account.

Illi il-projbizzjoni ta’ imghaxijiet komposti tinsab fl-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili u ma hemm l-ebda ligi li tippermetti illi tista issir eccezzjoni ghall din ir-regola peress illi l-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili jistabilixxi regola ta’ ordni pubbliku. Dan jirrizulta kemm minn natura tar-regola fiha infisha u ukoll fid-dawl ta’ l-Artikolu 1850(3) tal-Kap. 16 illi jghid illi kull arrangement kuntrarju ghad-disposizzjoni tal-ligi li tipprojbixxi li l-imghaxijiet jigu komposti fi zmien inqas minn sena, huwa null.

Illi f’dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Charles Maria mizzewgin Muscat deciza fl-24 ta’ Mejju 2004 u rat illi din is-sentenza giet ukoll ikkonfermata permezz ta’ diversi sentenzi ohrajn fosthom is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Anthony u Maria Dolores mizzewgin Vassallo, kif ukoll sentenza ta’ din il-Qorti tat-30 ta’ Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet APS Bank Limited vs Joseph Agius et.

Illi mill-provi prodotti u mid-dokumenti kollha li gew esebiti, il-Qorti tara fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet flimkien mal-proponderanza tal-provi, illi effettivament gie ippruvat illi l-intimati huma debituri tal-bank rikorrenti fis-somma ta’ hdax il-elf erbgha mija sitta u ghoxrin lira Maltin u dsatax il-centezmu (LM11,426.19), ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf sitt mija u hmistax il-ewro u sitta u tmenin centezmu (€26,615.86), oltre l-imghaxijiet mill-25 ta’ Mejju 2007 (ara 4 paragrafi qabel dan to check date) bi tmienja fil-mija.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi dan ir-rikors billi tawtorizza lis-socjeta’ rikorrenti tezegwixxi il-kuntratt datat 12 ta’ April tas-sena 2000 in atti Dottor Rachelle Farrugia fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Saviour u Mary Carmen mizzewgin Johnson, sabiex jottjeni il-pagament ta’ hdax il-elf erbgha mija sitta u ghoxrin lira Maltin u dsatax il-centezmu (LM11,426.19),

ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf sitt mija u hmistax il-ewro u sitta u tmenin centezmu (€26,615.86) flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-25 ta’ Mejju 2007; bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------